MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru 1022/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**CHARLIE BRINCAT**
**JEANFRED VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charlie Brincat ta’ 29 sena, Alfred u Eva nee` Grech, mwieled Pieta` nhar is-16 ta’ Novembru 1980, residenti gewwa 86, Moon, Triq il-Polverista, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 68481M u lil Jeanfred Vella, ta’ 25 sena iben Edwin u Anna nee` Vella, mwielda Pieta` nhar it-3 ta’ Novembru 1984, residenti gewwa Block 5, Bieb 16, Flat 2, Fuq San Pawl, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 531184M fejn gew akkuzati talli fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta’ Settembru 2010 minn gewwa container li kien jinsab gewwa l-Foss tas-Sur il-Birgu ikkommettew serq ta’

diversi ghodda u apparat iehor, proprjeta` ta' Marco u Jermoe Camilleri u/jew tal-kumpanija bl-isem ta' Stone Age liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2329 Ewro, bil-mezz u bil-hin.

Lil Charles Brincat wahdu gie akkuzat ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Semghet tal-ammissjoni tal-imputati.

Semghet il-konferma tal-istess ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati Charlie Brincat u Jeanfred Vella hatja skont l-akkuzi u wara li rat Artikli 261, 263, 264, 267, 270, 279, 280, 49 u 50 tal-Kap 9, Art 7 tal-Kap 446 tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal sentejn taht is-

sorveljanza ta’ Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-eta` tal-imputat, l-fedina penali taghhom u l-fatt illi l-imputat Jean Fred Vella hallsu dak kollu dovut fil-mori tal-kawza.

Ghal rigward ta’ Charlie Brincat minhabba l-fatt illi l-imputat f’dan l-istadju mhux qed jahdem, tordna l-hrug ta’ *compensation* order fil-konfront tal-imputat Brincat b’dan li ghandu jhallas 500 Ewro lill-kwerelant fi zmien sena b’rati mensili u dan ai termini ta’ Artiklu 24 Kap 446  tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur Probation Services

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------